REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1607

tal-24 ta' Ottubru 2018

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 fir-rigward tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli, għal ċerti prodotti agrikoli pproċessati u għal ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw min-Norveġja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 tal-10 ta' April 1995 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għall-ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) u (b) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2018 ġie konkluż ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli ([2]) ("il-Ftehim tal-2018"). Il-Ftehim ġie approvat f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/760 ([3]).

(2) L-Anness IV tal-Ftehim tal-2018 jipprevedi kwoti tariffarji ġodda ħielsa mid-dazju għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u ta' ċerti prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw min-Norveġja, kif ukoll iż-żieda fil-volum tal-kwota tariffarja għall-kodiċi NM 2005 20 20 stipulat fir-Regolament (KE) Nru 992/95. Jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 992/95 jiġi emendat sabiex jiġu implimentati dawk id-dispożizzjonijiet.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 992/95 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 ([4]) jistabbilixxu kwoti tariffarji għal prodotti li joriġinaw min-Norveġja li jaqgħu fl-intestaturi 0210 u 0204, rispettivament. L-Anness IV tal-Ftehim tal-2018 jipprevedi l-konsolidazzjoni ta' dawk il-kwoti tariffarji fi kwota tariffarja unika. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 992/95 sabiex tiġi implimentata l-konsolidazzjoni taħt kwota tariffarja ġdida u li jipprevedi t-tranżizzjoni għall-kwota tariffarja l-ġdida. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kwota tariffarja li tikkorrispondi mal-intestatura 0210 titħassar mir-Regolament (KE) Nru 992/95. It-tħassir simultanju tal-kwoti tariffarji li jikkorrispondu għall-intestatura 0204 mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 huwa previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1232 ([5]).

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 992/95 jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi li jikkonċernaw prodotti tal-Kapitoli 3, 15 u 16 tan-NM marbuta ma' ħut jew ma' prodotti agrikoli oħra tal-Kapitoli 2, 6, 7, 8, 16, 20 u 23 tan-NM. L-Artikolu 1(3) tiegħu jipprevedi li r-regoli ta' oriġini applikabbli huma dawk stabbiliti fil-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u n-Norveġja Nru 1/2016 ([6]).

(5) Madankollu, il-Ftehim tal-2018 jistabbilixxi li sabiex jibbenefikaw mill-konċessjonijiet imsemmija fl-Anness IV tagħha, jenħtieġ li l-prodotti jikkonformaw mar-regoli ta' oriġini stipulati fl-Anness IV tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri tat-2 ta' Mejju 1992 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ċerti arranġamenti fl-agrikoltura ([7]) ("il-Ftehim tal-1992"). Barra minn hekk, huwa jistipula li fir-rigward tal-kunċett ta' ħidma suffiċjenti biex jingħata l-istatus ta' prodotti oriġinarji, jenħtieġ li jiġi applikat l-Anness II tal-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea minflok l-Appendiċi tal-Anness IV tal-Ftehim tal-1992 ([8]) ([9]).

([1]) ĠU L 101, 4.5.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 129, 25.5.2018, p. 3.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/760 tal-14 ta' Mejju 2018 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 36).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1232 tal-11 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011 fir-rigward tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż li ġejjin min-Norveġja u minn New Zealand (ĠU L 231, 14.9.2018, p. 13).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u n-Norveġja Nru 1/2016 tat-8 ta' Frar 2016 li temenda l-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L 72, 17.3.2016, p. 63).
([7]) ĠU L 109, 1.5.1993, p. 47.
([8]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2015 tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda l-Protokoll 4 (regoli ta' oriġini) għall-Ftehim ŻEE [2016/754] (ĠU L 129, 19.5.2016, p. 56).

(6) Il-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 992/95 li jikkonċernaw prodotti għajr il-prodotti tal-kapitli 3, 15 u 16 tan-NM huma previsti fil-Ftehim tal-1992, jew fil-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli li sar abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Agreement in the form of an exchange of letters between the European Community and the Kingdom of Norway concerning additional trade preferences in agricultural products undertaken on the basis of Article 19 of the Agreement on the European Economic Area) ([1]), jew fil-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]). Dawk il-Ftehimiet kollha jipprevedu r-regoli ta' oriġini stipulati fl-Anness IV tal-Ftehim tal-1992 li japplikaw għall-kwoti tariffarji relatati magħhom. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 992/95 jiġi emendat sabiex titqies l-applikabbiltà tar-regoli ta' oriġini stabbiliti fl-Anness IV tal-Ftehim tal-1992.

(7) Sabiex jitqiesu għadd kbir ta' emendi minuri fil-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([3]) u tas-subdiviżjonijiet tat-TARIC, jixraq li jiġi sostitwit l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 992/95. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 992/95 jinqasmu f'żewġ Annessi separati skont ir-regoli ta' oriġini stipulati fil-ftehimiet rispettivi li jipprovdu għal kwoti tariffarji għall-prodotti tas-sajd u għall-prodotti agrikoli.

(8) Il-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness IV tal-Ftehim tal-2018 huma espressi bħala kwantitajiet annwali; Għalhekk jenħtieġ li l-importazzjoni tkun ġestita abbażi tas-sena kalendarja. Madankollu, billi l-Ftehim tal-2018 jibda japplika biss mill-1 ta' Ottubru 2018, jenħtieġ li l-kwantitajiet addizzjonali għall-2018 li huma kkalkulati fuq bażi *pro rata* u l-kwantitajiet annwali għas-snin ta' wara, jiġu stabbiliti skont l-Anness IV tal-Ftehim tal-2018.

(9) Jenħtieġ li l-kwoti tariffarji jkunu ġestiti mill-Kummissjoni abbażi tal-ordni kronoloġika tad-dati ta' meta ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera skont ir-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([4]).

(10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 992/95 jiġi emendat skont dan.

(11) Il-Ftehim tal-2018 jidħol fis-seħħ fil-1 ta' Ottubru 2018. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 992/95 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u n-Norveġja Nru 1/2016 (*), għandu japplika għall-kwoti tariffarji stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3a. Ir-regoli ta' oriġini stabbiliti fl-Anness IV tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri tat-2 ta' Mejju 1992 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ċerti arranġamenti fl-agrikoltura (**) ("il-Ftehim tal-1992") għandhom japplikaw għall-kwoti tariffarji stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 156, 25.6.2003, p. 49.
([2]) ĠU L 327, 9.12.2011, p. 2.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 58).

Madankollu, l-Anness II tal-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (***), peress li dak il-Protokoll ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2015 (****), għandu japplika għal dawk il-kwoti tariffarji minflok l-Appendiċi tal-Ftehim tal-1992.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u n-Norveġja Nru 1/2016 tat-8 ta' Frar 2016 li temenda l-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L 72, 17.3.2016, p. 63).
(**) ĠU L 109, 1.5.1993, p. 47,
(***) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3,
(****) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2015 tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda l-Protokoll 4 (regoli ta' oriġini) għall-Ftehim ŻEE [2016/754] (ĠU L 129, 19.5.2016, p. 56).";

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"ANNESS I

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala kliem ta' valur indikattiv biss, bl-iskema preferenzjali tkun deċiża, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu meta jiġi adottat dan ir-Regolament. Fejn jiġu indikati *ex*-kodiċijiet tan-NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0701	ex 1504 20 10 ex 1504 30 10	90 99	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom ta' annimali tal-baħar, ħlief żejt tal-baleni u żejt mill-baleni tat-tip Physeter macrocephaluss, f'imballaġ b'kapaċità netta ta' aktar minn 1 kg	Mill-1.1 sal-31.12	1 000	8,5
09,0702	0303 19 00 ex 0303 99 00	35	*Salmonidae* ffriżat ieħor, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017 Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018 Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019 Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020 Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	2 000 3 000 3 000 3 000 3 000	0
09.0703	ex 0305 51 90 ex 0305 53 10	10 20 90	Merluzz imnixxef, immellaħ iżda mhux affumikat, eskluż il-merluzz tal-ispeċi *Gadus macrocephalus* Ħut imnixxef, immellaħ iżda mhux affumikat tal-ispeċi *Boreogadus saida*	Mill-1.4 sal-31.12	13 250	0
09.0710	0303 51 00 ex 0303 99 00	75	Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd ([1])	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017 Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018 Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019 Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020 Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	26 500 39 750 39 750 39 750 39 750	0
09.0711	ex 1604 13 90	91 92 99	Ħut ippreparat jew ippreżervat: Sardinella, aringi żgħar jew spratt, eskluż l-fletti nejjin miksijin biss b'taħlita ta' bajd u dqiq jew bil-frak tal-ħobż, kemm jekk moqlijin fiż-żejt minn qabel jew le, iffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	400	3

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	1604 17 00		Sallur			
	1604 18 00		Xewk tal-klieb il-baħar			
	1604 19 92		Merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*)			
	ex 1604 19 93	90	Merlangu (*Pollachius virens*), eskluż il-merlangu affumikat			
	1604 19 94		Marlozz (*Merluccius spp., Urophycis spp.*)			
	1604 19 95		Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*) u Pollakkju (*Pollachius pollachius*)			
	1604 19 97		Oħrajn			
	ex 1604 20 90	30 35 50 60 90	Ħut ieħor ippreparat jew ippreżervat, eskluži l-aringi, il-kavalli u l-merlangu affumikat ippreżervat			
	ex 1604 20 90	40	Kavalli ppreparati jew ippreżervati (*Scomber australasicus*)			10
09.0712	0303 54 10		Kavalli tal-ispeċi *Scomber scombrus* jew *Scomber japonicus*, iffriżati, eskluži l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluži l-fwied u l-bajd	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	25 000	0
	ex 0303 99 00	40		Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	37 500	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	37 500	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	37 500	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	37 500	
09.0713			Iffriżat, eskluži l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż il-fwied u l-bajd:	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	2 200	0
	0303 55 30		Sawrell taċ-Ċile (*Trachurus murphyi*)	Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	3 300	
	ex 0303 55 90	90	Ħut ieħor ta' *Trachurus spp.*, eskluži *Trachurus trachurus, Trachurus murphyi* u s-sawrell (scad) (*Caranx trachurus*)	Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	3 300	
	0303 56 00		Cobia (*Rachycentron canadum*)	Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	3 300	
	0303 59 90		Ħut ieħor	Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	3 300	
	0303 69 90					
	0303 89 90					

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	0303 82 00		Raj (*Rajidae*)			
	0303 89 55		Awrat (*Sparus aurata*)			
	ex 0303 99 00	85				
09.0714	0304 86 00		Fletti tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	55 600	0
	ex 0304 99 23	10	Ġwienaħ tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*) (maqtugħin ir-qaq), iffriżati [2]	Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	83 400	
		20		Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	83 400	
		30		Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	83 400	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	83 400	
09.0715	0302 11		Trot (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* and *Oncorhynchus chrysogaster*), frisk jew imkessħin, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	500	0
	ex 0302 99 00	11				
		19				
	0303 14		Troti (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* and *Oncorhynchus chrysogaster*), iffriżati, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd			
	ex 0303 99 00	30				
09.0716	0302 13 00		Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*), friski jew imkessħa, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	6 100	0
	0302 14 00					
	ex 0302 99 00	30				
		40				
09.0717			Iffriżat, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż il-fwied u l-bajd:	Mill-1.1 sal-31.12	580	0
	0303 11 00		Salamun dahru blu tal-Alaska (salamun aħmar) (*Oncorhynchus nerka*)			
	ex 0303 99 00	10				

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	0303 12 00		Salamun tal-Paċifiku ieħor (*Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*)			
	ex 0303 99 00	15				
	ex 0303 13 00	10	Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*)			
	ex 0303 99 00	20				
09.0718	0304 41 00 0304 81 00		Fletti tas-salamun tal-Paċifiku friski, imkessħa jew iffriżati (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*)	Mill-1.1 sal-31.12	610	0
09.0719	0302 19 00		*Salmonidae* ieħor, frisk jew imkessaħ, eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	670	0
	ex 0302 99 00	45				
	0303 19 00		*Salmonidae* ffriżat ieħor, eskluż l-fwied u l-bajd			
09.0720	0302 59 40		Molvi (*Molva* spp.), frisk jew imkessaħ, eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	370	0
09.0721			Iffriżat jew imkessaħ, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd:	Mill-1.1 sal-31.12	250	0
	0302 22 00		Barbun (*Pleuronectes platessa*)			
	ex 0302 99 00	79				
	0302 23 00		Lingwata (*Solea* spp.)			
	0302 24 00		Barbun Imperjali (*Psetta maxima*)			
	0302 29		Megrim (*Lepidorhombus* spp.) u ħut ieħor ċatt			
	0302 45		Sawrell (*Trachurus* spp.)			
	0302 46 00		Cobia (*Rachycentron canadum*)			
	0302 47 00		Pixxispad (*Xiphias gladius*)			
	0302 49 90		Oħrajn			
	0302 54		Marlozz (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.)			
	ex 0302 99 00	60				

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	ex 0302 56 00	20	Merlangu ikħal (*Micromesistius australis*)			
	0302 59 90		Ħut ieħor tal-familji *Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae* u *Muraenolepididae*			
	0302 82 00		Raj (*Rajidae*)			
	0302 83 00		Ħut tas-sinna (*Dissostichus* spp.)			
	0302 84		Spnott (*Dicentrarchus* spp.)			
	0302 85 30		Awrat (*Sparus aurata*)			
	0302 85 90		Awrat ieħor (*Sparidae*) eskluż l-ispeċijiet *Dentex dentex* jew *Pagellus* spp			
	0302 89 50		Petriċa (*Lophius* spp.)			
	0302 89 60		Pink cusk-eel (*Genypterus blacodes*)			
	0302 89 90		Ħut ieħor			
	ex 0302 99 00	71	Il-Ħalibatt tal-Paċifiku (*Hippoglossus stenolepis*)			
			Ħut ċatt iffriżat, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż il-fwied u l-bajd:			
	0303 34 00		Barbun Imperjali (*Psetta maxima*)			
	0303 39 10		Barbun tal-għajna (*Platichthys flesus*)			
	0303 39 30		Ħut tal-ġeneru *Rhombosolea*			
	0303 39 85		Ħut ċatt ieħor, eskluż l-ħalibatt, il-barbun tat-tbajja', il-lingwata, il-barbun imperjali, il-barbun, il-ħut tal-ġeneru *Rhombosolea* u l-ħut tal-ispeċi *Pelotreis flavilatus* jew *Peltorhamphus novaezelandiae*			
09.0722			Laħam iffriżat ta':	Mill-1.1 sal-31.12	500	0
	0304 91 00		Pixxispad (*Xiphias gladius*)			
	0304 94 90		Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*), eskluż is-surimi			

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	0304 95 21 0304 95 25 0304 95 29 0304 95 30 0304 95 40 0304 95 50 0304 95 60 0304 95 90		Ħut mill-familji *Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae* u *Muraenolepididae*, minbarra Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*), eskluż is-surimi tas-subintestatura 0304 95 10			
	0304 96		Mazzola griża u klieb il-baħar oħrajn			
	0304 97 00		Raj (*Rajidae*)			
	ex 0304 99 99	20 25 40 50 65 69 70 90	Ħut ieħor, eskluż is-surimi u l-ħut tal-ilma ħelu u eskluż il-kavalli (*Scomber scombrus, Scomber australasicus, Scomber japonicus*)			
09.0723	0302 41 00 ex 0302 99 00 0303 51 00 ex 0303 99 00	 55 75	Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), friski, imkessħin jew iffriżati, eskluża l-fwied u l-bajd	Mis-16.6 sal-14.2	800	0
09.0724	0302 44 00 ex 0302 99 00	 20	Kavalli (*Scomber scombrus, Scomber australasicus, Scomber japonicus*), frisk jew imkessaħ, eskluża l-fwied u l-bajd	Mis-16.6 sal-14.2	260	0
09.0725	0303 54 10 ex 0303 99 00	 40	Kavalli (*Scomber scombrus, Scomber japonicus*), iffriżati, eskluża l-fwied u l-bajd	Mis-16.6 sal-14.2	30 600	0

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0726	0302 89 31 0302 89 39 ex 0302 99 00 0303 89 31 0303 89 39 ex 0303 99 00	 50 80	Redfish (*Sebastes* spp.), frisk, imkessaħ jew iffriżat, eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
09.0727	 0304 31 00 0304 61 00 0304 32 00 0304 62 00 0304 33 00 0304 63 00 0304 39 00 0304 69 00 0304 42 50 0304 82 50 0304 49 10 0304 89 10	 	Fletti friski, imkessħa jew iffriżati ta': Tilapja (*Oreochromis* spp.) Lupu tal-baħar (*Pangasius* spp., *Silurus* spp., *Clarias* spp., *Ictalurus* spp.) Burqax tan-Nil (*Lates niloticus*) Karpjun (*Cyprinus carpio*, *Carassius carassius*, *Ctenopharyngodon idellus*, *Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus*), sallur (*Anguilla* spp.), u rjus is-serp (*Channa* spp.) Troti tal-ispeċi *Oncorhynchus apache* jew *Oncorhynchus chrysogaster* Ħut ieħor tal-ilma ħelu	Mill-1.1 sal-31.12	110	0
09.0728	 0304 44 30 0304 45 00 0304 46 00 0304 47 0304 48 00 0304 49 50 0304 49 90	 	Fletti friski jew imkessħa ta': Merlangu (*Pollachius virens*) Pixxispad (*Xiphias gladius*) Ħut tas-sinna (*Dissostichus* spp.) Mazzola griża u klieb il-baħar oħrajn Raj (*Rajidae*) Redfish (*Sebastes* spp.) Ħut ieħor	Mill-1.1 sal-31.12	180	0

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0729	0304 53 00 0304 56 0304 57 00 0304 59 90		Laħam tal-ħut frisk jew imkessaħ (sew jekk ikkapuljat sew jekk le) mill-familji *Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae* u *Muraenolepididae* u ta' ħut ieħor ħlief ħut tal-ilma ħelu	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
	0304 59 50		Ġwienaħ tal-aringi, friski jew imkessħin [3]			
09.0730			Fletti ffriżati ta':	Mill-1.1 sal-31.12	9 000	0
	0304 71		Merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*)			
	0304 72 00		Haddock (*Melanogrammus aeglefinus*)			
	0304 73 00		Merlangu (*Pollachius virens*)			
	0304 74		Marlozz (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.)			
	0304 75 00		Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*)			
	0304 79 10		Ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida*			
	0304 79 50		Grenadier ikħal (*Macruronus novaezelandiae*)			
	0304 79 90		Ħut ieħor			
	0304 83 10		Barbun (*Pleuronectes platessa*)			
	ex 0304 83 90	11 19 90	Ħut ieħor ċatt, eskluż *Limanda aspera, Lepidopsetta bilineata, Pleuronectes quadrituberculatus, Limanda ferruginea, Lepidopsetta polyxystra*			
	0304 84 00		Pixxispad (*Xiphias gladius*)			
	0304 85 00		Ħut tas-sinna (*Dissostichus* spp.)			
	0304 88 90		Raj (*Rajidae*)			
	0304 89 21 0304 89 29		Redfish (*Sebastes* spp.)			

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	0304 89 60		Petriċa (*Lophius* spp.)			
	ex 0304 89 90	10	Ħut ieħor, eskluż il-pixxiluna (*Brama* spp.)			
		30				
		40				
		50				
		60				
		90				
09.0731	ex 0305 20 00	11	Fwied u bajd tal-ħut, imnixxfin, immelħin jew fis-salmura, iżda mhux affumikati	Mill-1.1 sal-31.12	1 900	0
		18				
		19				
		21				
		30				
		73				
		75				
		77				
		79				
		99				
09.0732	0305 41 00		Salamun tal-Paċifiku affumikat (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*), inklużi l-fletti, ħlief ġewwieni tal-ħut li jittiekel	Mill-1.1 sal-31.12	450	0
09.0733	0305 42 00 0305 43 00 0305 44 0305 49		Ħut affumikat ħlief is-Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*), inklużi l-fletti, ħlief ġewwieni li jittiekel	Mill-1.1 sal-31.12	140	0
	ex 0305 71 00	10	Xewk tal-klieb il-baħar affumikat			

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0734			Ħut, bil-melħ iżda mhux imnixxef jew affumikat u ħut fis-salmura, ħlief il-ġewwieni tal-ħut li jittiekel:	Mill-1.1 sal-31.12	250	0
	0305 64 00		Tilapja (Oreochromis spp.), lupu tal-baħar (*Pangasius* spp., *Silurus* spp., *Clarias* spp., *Ictalurus* spp.), karpjun (*Cyprinus carpio*, *Carassius carassius*, *Ctenopharyngodon idellus*, *Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus*), sallur (*Anguilla* spp.), burqax tan-Nil (*Lates niloticus*) u rjus is-serp (*Channa* spp.)			
	ex 0305 69 80	20 25 30 40 50 61 64 65 67 90	Ħut ieħor, eskluż l-Ħalibatt żgħir jew tal-Groenlandja (*Reinhardtius hippoglossoides*), u l-Ħalibatt tal-Paċifiku (*Hippoglossus stenolepis*)			
	ex 0305 71 00	90	Xewk tal-klieb il-baħar mhux affumikat			
09.0735	0305 61 00		Aringi (*Clupea harengus*, *Clupea pallasii*), immelħin iżda mhux imnixxfin jew affumikati, u aringi fis-salmura, ħlief il-ġewwieni tal-ħut li jittiekel	Mill-1.1 sal-31.12	1 440	0
09.0736	0306 15 00		Skampi ffriżati (*Nephrops norvegicus*)	Mill-1.1 sal-31.12	950	0
	0306 16 99 0306 17 93		Gambli tal-familja *Pandalidae* iffriżati, ħlief affumikati			
09.0737	ex 0306 95 20	10	Gambli tal-familja *Pandalidae*, mhux iffriżati mgħollijin abbord	Mill-1.1 sal-31.12	800	0
	ex 0306 95 30	10				
09.0738	0306 34 00 0306 94 00		Skampi (*Nephrops norvegicus*), mhux iffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	900	0

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	ex 0306 35 90	12	Gambli tal-familja *Pandalidae*, mhux iffriżati, għall-ipproċessar [4]			
		14				
		20				
		92				
		93				
		96				
	ex 0306 36 10	11				
		91				
	ex 0306 95 20	21				
		29				
	ex 0306 95 30	21, 29				
09.0739	1604 11 00		Salamun ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljat	Mill-1.1 sal-31.12	170	0
09.0740	1604 12 91 1604 12 99		Aringi ppreparati jew ippreżervati, sħaħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljati	Mill-1.1 sal-31.12	3 000	0
09.0741	1604 13 90		Sardinella ppreparata jew ippreżervata u aringi żgħar jew spratt, sħaħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljati	Mill-1.1 sal-31.12	180	0
09.0742	1604 15 11 1604 15 19		Kavalli ppreparati jew ippreżervati tal-ispeċijiet *Scomber scombrus* u *Scomber japonicus*, sħaħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljati	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
09.0743			~~Ħut~~ ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljat:	Mill-1.1 sal-31.12	5 500	0
	1604 17 00		Sallur			
	1604 18 00		Xewk tal-klieb il-baħar			
	1604 19 92		Merluzz (*Gadus morhua*, *Gadus ogac*, *Gadus macrocephalus*)			
	1604 19 93		Merlangu (*Pollachius virens*)			
	1604 19 94		Marlozz (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.)			
	1604 19 95		Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*) u Pollakkju (*Pollachius pollachius*)			

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	1604 19 97		Oħrajn			
	1604 20 90		Laħam ta' ħut ieħor ippreparat jew ippreżervat			
09.0744	1604 20 10		Laħam tas-salamun ippreparat jew ippreżervat	Mill-1.1 sal-31.12	300	0
09.0745	ex 1605 21 10	20	Gambli u gambli kbar, ippreparati jew ippreżervati, imqaxxra u ffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	8 000	0
		40				
		50				
		91				
	ex 1605 21 90	20				
		40				
		57				
		60				
		91				
	ex 1605 29 00	20				
		40				
		45				
		91				
09.0746	ex 1605 21 10	30	Gambli u gambli kbar, ippreparati jew ippreżervati, ħlief imqaxxra u ffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	1 000	0
		96				
		99				
	ex 1605 21 90	30				
		45				
		49				
		55				
		58				
		62				
		65				
		96				
		99				

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	ex 1605 29 00	30 50 55 60 96 99				
09.0748	1605 10 00		Granċ ippreparat jew ippreżervat	Mill-1.1 sal-31.12	50	0
09.0749	ex 1605 21 10	20 40 50 91	Gambli u gambli kbar, ippreparati jew ippreżervati, imqaxxra u ffriżati	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	7 000	0
	ex 1605 21 90	20 40 57 60 91		Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	10 500	
	ex 1605 29 00	20 40 45 91		Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019 Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020 Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	10 500 10 500 10 500	
09.0750	ex 1604 12 91	11 91	Aringi, imħawrin u/jew ippriżervati fil-ħall, fis-salmura	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	11 400 tunellata netti mingħajr likwidi	0
	ex 1604 12 99	11 19		Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018 Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019 Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020 Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	17 100 tunellata netti mingħajr likwidi 17 100 tunellata netti mingħajr likwidi 17 100 tunellata netti mingħajr likwidi 17 100 tunellata netti mingħajr likwidi	

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0752	0303 51 00 ex 0303 99 00	 75	Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	44 000	0
09.0756	0304 86 00 ex 0304 99 23	 10 20 30	Fletti tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati Ġwienaħ tal-aringi (maqtugħin irqaq) (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	67 000	0
09.0776	1504 20 10		Frazzjonijiet solidi ta' xaħmijiet u ta' żjut tal-ħut, ħlief iż-żjut tal-fwied	Mill-1.1 sal-31.12	384	0
09.0818	ex 0304 89 49	10 20	Fletti tal-kavalli, iffriżati	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	11 300	0
	ex 0304 99 99	11	Ġnub tal-kavalli, iffriżati	Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	16 950	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	16 950	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	16 950	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	16 950	
09.0819	ex 0304 49 90 0304 59 50	10	Fletti tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), friski jew imkessħin Ġwienaħ tal-aringi, friski jew imkessħin	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	9 000	0
				Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	13 500	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	13 500	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	13 500	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	13 500	
09.0820	0305 10 00		Dqiq, pasti u gerbub tal-ħut, tajbin għall-konsum uman	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	1 000	0
				Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	1 500	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	1 500	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	1 500	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	1 500	

(1) Billi bejn il-15 ta' Frar u l-15 ta' Ġunju ma hemmx dazju tan-nazzjon l-aktar iffavorit ("MFN"), il-benefiċċju tal-kwota tariffarja mhux se jingħata għall-oġġetti li jiġu ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera matul dan il-perjodu.

(2) Billi fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0304 99 23, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju ma hemmx dazju tal-MFN, il-benefiċċju ta' din il-kwota tariffarja mhux se jingħata għal oġġetti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera matul dan il-perjodu.

(3) Billi fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0304 59 50, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju ma hemmx dazju tal-MFN, il-benefiċċju ta' din il-kwota tariffarja mhux se jingħata għal oġġetti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera matul dan il-perjodu.

(4) L-entrata taħt din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea [ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)].

ANNESS II

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala kliem ta' valur indikattiv biss, bl-iskema preferenzjali tkun deċiża, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu meta jiġi adottat dan ir-Regolament. Fejn jiġu indikati *ex* kodiċijiet tan-NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0751	ex 0704 10 00	90	Pastard, frisk jew imkessaħ	Mill-1.8 sal-31.10:	2 000	0
09.0757	0809 21 00 0809 29 00		Ċiras, frisk	Mis-16.7 sal-15.9:	900	0 (1)
09.0759	0809 40 05		Għanbaqar, frisk	Mill-1.9 sal-15.10:	600	0 (1)
09.0761	0810 10 00		Frawli, frisk	Mid-9.6 sal-31.7:	900	0
09.0762	0810 10 00		Frawli, frisk	Mill-1.8 sal-15.9:	900	0
09.0783	0705 11 00		Ħass ikkabuċċjat (ħass bir-ras), frisk jew imkessaħ	Mill-1.1 sal-31.12:	300	0
09.0784	0705 19 00		Ħass ieħor, frisk jew imkessaħ	Mill-1.1 sal-31.12:	300	0
09.0786	0602 90 70		Pjanti ta' ġewwa: biċċiet bl-għeruq u pjanti żgħar, ħlief kakti	Mill-1.1 sal-31.12:	EUR 544 848	0
09.0787	1601		Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, ġewwieni jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti	Mill-1.1 sal-31.12:	300	0
09.0815	0810 20 10		Lampun, frisk	Mill-1.1 sal-31.12:	400	0
09.0816	2005 20 20		Patata fi flieli rqaq, moqlijin jew moħmijin, kemm jekk melħin jew imħawrin kif jekk le, ġo pakki li jżommu l-arja, tajbin għal konsum immedjat	Mill-1.5.2018 sat-30.4.2018: Għal kull sena kalendarja mill-1.1.2019:	200 350	0
09.0817	2309 10 13 2309 10 15 2309 10 19 2309 10 33		Ikel tal-klieb jew tal-qtates, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut	Mill-1.1 sal-31.12:	13 000	0

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	2309 10 39 2309 10 51 2309 10 53 2309 10 59 2309 10 70 2309 10 90					
09.0821	2005 20 20		Patata fi flieli rqaq, moqlijin jew moħmijin, kemm jekk melħin jew imħawrin kif jekk le, ġo pakki li jżommu l-arja, tajbin għal konsum immedjat	Mill-1.10.2018 sal-31.12.2018:	37,5	0
09.0822	0207 14 30		Laħam u ġewwieni li jittiekel, ta' tjur tal-intestatura 0105, frisk, imkessaħ jew friżat	Mill-1.10.2018 sal-31.12.2018:	137,5	0
			Ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* Qatgħat bl-għadma, friżati Ġwienaħ sħaħ, bil-ponot jew mingħajr ponot	Għal kull sena kalendarja mill-1.1.2019:	550	
09.0823	0207 14 70		Laħam u ġewwieni li jittiekel, ta' tjur tal-intestatura 0105, frisk, imkessaħ jew friżat	Mill-1.10.2018 sal-31.12.2018:	37,5	0
			Ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* Qatgħat oħra bl-għadma, friżati	Għal kull sena kalendarja mill-1.1.2019:	150	
09.0824	0204		Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat	Mill-1.10.2018 sal-31.12.2018:	200 [2]	0
	0210		Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; dqiq u dqiq miħun oħxon mil-laħam jew mill-ġewwieni tal-laħam	Għal kull sena kalendarja mill-1.1.2019:	500	
09.0825	0603 19 70		Fjuri maqtugħin u blanzuni ta' fjuri ta' tip adattati għal bukketti u għal għanijiet ornamentali, friski, għajr Ward, Qronfol, Orkidej, Krisantemi, Ġilji (*Lilium* spp.), Gladjoli u Ranunkli	Mill-1.10.2018 sal-31.12.2018:	125 000 EUR	0
				Għal kull sena kalendarja mill-1.1.2019:	500 000 EUR	
09.0826	1602		Laħam, ġewwieni tal-laħam jew demm oħrajn preparati jew ippreservati	Mill-1.10.2018 sal-31.12.2018:	75	0
				Għal kull sena kalendarja mill-1.1.2019:	300	

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0827	2309 90 96		Preparazzjoni ta' tip użat għall-għalf tal-annimali, oħrajn	Mill-1.10.2018 sal-31.12.2018: Għal kull sena kalendarja mill-1.1.2019:	50 200	0
09.0828	3502 20		Albumini (inklużi konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox, li fihom bil-piż iktar minn 80 % ta' proteini tax-xorrox, meqjusin fuq il-materjal xott), albuminati u derivattivi oħrajn ta' albumina: — Albumina tal-ħalib, inklużi konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox	Mill-1.10.2018 sal-31.12.2018: Għal kull sena kalendarja mill-1.1.2019:	125 500	0

(1) Id-dazju addizzjonali speċifiku għandu jiġi applikat.
(2) Il-volum ta' din il-kwota għall-2018 se jitnaqqas bl-ammont allokat skont il-kwota tariffarja tal-Ordni Nru 09.0782 għal dikjarazzjonijiet li għandhom data ta' aċċettazzjoni li taqa' fil-perjodu mill-1.1.2018 sat-30.9.2018."